# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 1054

KAZ NRU. 1276

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Malta International Airport

u

Union Haddiema Maghqudin

u

General Workers' Union

u

Malta Air Traffic
Controllers' Association

dwar "Union Recognition"

Data : 21 ta' Lulju, 1999

**Chairman : Is-sur Maurice Petrocochino**

**Membri : Is-sur Alfred Mallia Milanes**
**Is-sur Alfred Buhagiar**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 28 ta' Settembru, 1998 biex jisma' u jiddeciedi t-Tilwima tax-Xoghol li hemm bejn il-Malta International Airport p.l.c. u l-Union Haddiema Maghqudin u dwar talba ghal *sole recognition* mill-General Workers' Union - talba li giet milqugha mill-kumpanija wara li d-Direttur tax-Xoghol ikkonferma li l-maggoranza tal-haddiema

taghha kienu membri tal-General Workers' Union - talba li giet opposta mill-Union Haddiema Maghqudin.

Iz-zewg partijiet gew mitluba jaghzlu z-zewg membri li, mac-Chairman, kellhom jisimghu u jiddeciedu fuq din it-tilwima u, wara li dawn qablu fuq il-persuni, t-Tribunal gie kostitwit.

Matul is-smigh, is-sur Sydney Gatt, wiehed mill-membri, miet, u gie sostitwit mis-sur Alfred Mallia Milanes.

Il-kumpanija pprezentat l-istqarrija tal-kaz taghha fit-12 t'Ottubru, 1998 waqt li l-Union ipprezentat l-istqarrija taghha fit-13 t'Ottubru, 1998.

Fl-ewwel seduta, minbarra l-partijiet dehret ukoll il-General Workers' Union li talbet li tigi kjamata in kawza u, wara li l-Union Haddiema Maghqudin m'oggezzjonatx, it-talba giet milqugha.

Fit-tieni seduta l-partijiet qablu li l-Ftehim bejn il-Forzi Armati ta' Malta, l-Avjazzjoni Civili, d-Direttur Generali tal-Management & Personnel Office tal-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Malta International Airport p.l.c. li kien juri spazju vojt fejn kellha tidher id-data tal- ftehim u l-firma konsegwenzjali, kien fil-fatt sar fit-22 t'April, 1998.

Saret ukoll korrezzjoni fil-paragrafu 6 tal-istqarrija tal-kaz tal-General Workers' Union li biddlet id-data 27 t'April 1998 ghas-17 t'April, 1998 u l-occhio tal-kawza gie mizjud bl-isem tal-General Workers' Union.

It-Tribunal beda biex talab lill-partijiet, biex f'seduta li tmiss, jikkjarifikaw il-fehmiet taghhom, kif kellhom jitqiesu dawk in-nies li kienu qeghdin jintbaghtu mal-Malta International Airport p.l.c. bis-sistema msemmija fl-Agreements esibiti.

Il-partijiet talbu li preliminarjament jaghtu x-xhieda taghhom dawk il-persuni li hadu parti fid-diskussjonijiet. Il-kumpanija giet mitluba tindika kinitx saret ir-registrazzjoni ta' dawk in-nies mal-Employment & Training Corporation u f'FAX datata 27 ta' Novembru, 1998 il-kumpanija irrappurtat li ma kien sar xejn, peress li hasbet biex ma jkunx hemm "break of service" ghall-dawk il-haddiema illi eventwalment kellhom jiddeciedu jekk jibqghux fis-servizz civili jew jidhlu mal-kumpanija.

Fit-tielet seduta, minbarra l-partijiet dehret ukoll Union gdida - il-Malta Air Traffic Controllers' Association li kienet talbet li tigi kjamata in kawza wkoll peress li kienet giet registrata bhala trade union fis-17 ta' Settembru, 1998 u l-partijiet l-ohra ma oggezzjonawx; it-talba giet milqugha u l-occhio rega' tbiddel biz-zieda ta' din il-Union ukoll.

Instemghu ix-xhieda kif miftiehem u cioe' s-sinjuri Joe Sammut, Chief Executive MIA p.l.c., Salvu Fenech, Direttur tal-Avjazzjoni Civili, Eric Fenech Pace, Chairman MIA p.l.c. u Mario Cutajar, Segretarju Taqsima Servizzi Pubblici - General Workers' Union.

Gew ezibiti dawn id-dokumenti :-

Ftehim tas-27 ta' Novembru, 1991 li prattikament kien ghamel l-istess procedura ta' trasferiment ta' haddiema b'kundizzjonijiet ukoll prattikament identici bhal dawk li qeghdin isiru llum.

Ftehim ghat-trasferiment tal-haddiema tal-Air Traffic Control Corps. u tal-Airport Company mill-Forzi Armati ta' Malta ghall-Malta International Airport p.l.c. datat 22 t'April, 1998.

Ftehim ghat-trasferiment tal-haddiema tas-Civil Aviation mis-sezzjonijiet elenkati fih datat 17 t'April, 1998 bejn il-Ministru ghat-Trasport u Portijiet, ic-Chairman u Direttur iehor tal-Malta International Airport, d-Direttur Generali ghall-M.P.O. (O.P.M.), d-Direttur Generali (Avjazzjoni Civili) u s-Segretarju Taqsima Servizzi Pubblici General Workers' Union.

Ftehim iehor identiku bhal dak tas-17 t'April, 1998, imma datat 8 ta' Mejju, 1998 u iffirmat mill-istess persuni, ghajr ir-rapprezenatnt tal-General Workers' Union, li minfloku ffirma r-rapprezentant tal-Union Haddiema Maghqudin.

Wara li sema' x-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-fehma ta' kull wiehed dwar min kellu jigi kkunsidrat il-principal ta' dawn il-haddiema fl-istadju prezenti, t-Tribunal ihoss :-

1. illi kienet hasra kbira li l-procedura addottata fil-ftehim tas-27 ta' Novembru, 1991 - procedura li kienet hadmet bla nkwiet - ma gietx addottata fl-esercizzju prezenti;

2. illi l-ftehim bejn il-Kmandant tal-Forzi Armati u l-Malta International Airport accetta li d-drittijiet tal-pensjoni jibqghu salvagwardati u li matul il-perijodu ta' 12-il xhar, il-haddiema kollha setghu jitolbu li jergghu jidhlu fil-Forzi Armati, bl-istess grad li kellhom, ghalkemm il-Kmandant zamm id-dritt li jissekondawhom mal-Malta International Airport fuq xoghol specjalizzat; il-haddiema zammew id-dritt, li malli jigi ffirmat il-Ftehim Koll ettiv tal-Impjegati Civili, huma kellhom jiehdu dak li kien gie miftiehem u fil-fatt haduh.

Hawn ghandu jigi rilevat li hemm diskrepanza peress li dawnghandhom 12-il xahar biex jiddeciedu x'riedu jaghmlu, waqt

li fil-Ftehim mal-Unions, il-perijodu seta' jitwal (u fil-fatt zgur sejjer jitwal) u li d-decizjoni li jirritorna fejn kien qabel, setghet tittiehed biss fi tmiem il-prova.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm din id-diskrepanza suppost li giet eliminata b'side letter datata 23 t'April, 1998, fil-fatt dik is-side letter giet iffirmata minn parti wahda biss minkejja l-fatt li t-tibdil sar fuq ftehim milhuq ma' hames firmatarji.

Il-paragrafu 3 tal-Ftehim (tas-17 t'April u tat-8 ta' Mejju, 1998) jghid, li dawk il-haddiema li jaghzlu li jaqilbu l-impjieg taghhom mal-Malta International Airport, ikunu kkunsidrati mill-Gvern li kienu fuq "special leave" bla hlas mis-servizz pubbliku, filwaqt li jkollhom is-servizz taghhom mal-Malta International Airport jghodd daqs li kieku kien servizz mal-Gvern, u dan anke ghall-pensjoni ghal min kien intitolat ghal dan il-beneficcju wkoll. Sadanittant huma bbenefikaw ukoll mid-drittijiet (inkluz is-salarju gdid skond il-Ftehim Kollettiv 1996 - 2001) bhala haddiema fis-servizz pubbliku.

Jinghad ukoll li l-membri kollha tal-A.T.C.C. u tal- A.C. kellhom jiffirmaw certifikat sas-27 t'April 1998 fejn jghidu :

a) Nixtieq ningagga mal-Malta International Airport mill-aktar fis possibbli bl-ghazla li nkun nista nerga' ningagga mal-Forzi Armati ta' Malta jekk niddeciedi li naghmel dan fi zmien tnax-il xahar minn meta nibda xoghol mal-Malta International Airport.

b) Nixtieq nibqa' fil-Forzi Armati ta' Malta.

c) Nixtieq napplika biex nirtira b'kull pensjoni li jien intitolat ghaliha.

Jinghad hawn li tidher diskrepanza bejn il-paragrafi 4 u 7 tal-Ftehim tas-17 t'April, 1998 u c-certifikat imsemmi fil-paragrafu precedenti. Il-paragrafu 4 jghid li l-impjegati kellhom tnax-il xahar prova; il-paragrafu 7 jghid li t-talba ta' dawk li, fi tmiem il-perijodu ta' prova jaghzlu li jergghu lura fis-servizz pubbliku waqt li l-firmatarji tac-certifikat stipulaw li kellhom l-ghazla li jergghu jingaggaw mal-Forzi Aramti ta' Malta fi zmien 12-il xahar minn meta jibdew jahdmu mal-Malta International Airport.

Il-haddiema tal-Avjazzjoni Civili wkoll kellhom jiffirmaw ittra li tghid "Jien naghzel li mmur mal-Malta International Airport / li nibqa mal-Gvern". Fiz-zewg kazi, t-Tribunal huwa konvint li l-ghazla li saret minn dawk li riedu jmorru mal-Malta Interanational Airport kienet ghazla semplici li jaccettaw il-prova minghajr telf ta' ebda privilegg jew dritt li kellu bhala haddiem fis-servizz pubbliku nkluz li meta jridu setghu jitolbu li jmorru lura u hadd ma kellu dritt izommhom.

Il-Ftehim kien jipprovdi z-zmien ta' prova ta' tnax-il xahar mill-1 ta' Mejju, 1998 - illum spicca - izda kellu jittawwal sa xahrejn wara li jintlahaq ftehim kollettiv mal-Malta International Airport li jirregola wkoll il-kundizzjonijiet ta' xoghol ta' dawn il-haddiema bi prova.

Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti, t-Tribunal jastjeni milli jiddeciedi jekk setghetx tigi kostitwita l-Union Malta Air Traffic Controllers' Association meta l-membri taghha ghadhom membri tal-Forzi Armati fejn huma prekluzi li jidhlu f'Union.

Jiddeciedi li sakemm il-haddiema kollha effettwati bil-ftehim tas-17 t'April, 1998 u tat-8 ta' Mejju, 1998 ma jirrinunzjawx ghad-dritt li jmorru lura fejn kienu, u b'hekk jaghzlu li jigu mpjegati mal-Malta International Airport, ma jistghux jigu kkunsidrati bhala haddiema tal-Malta International Airport.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

----------------------
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

----------------------
**Alfred Mallia Milanes**
**MEMRU**

----------------------
**Alfred Buhagiar**
**MEMBRU**

---------------
**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg